

*Messaġġ mis-Sindku*

# Saviour Borg



Bdejna l-jiem sbieħ li fihom qegħdin niċċelebraw il-festa titulari tal-Qalb Mqaddsa Ta' Ġesù. Matul dawn il-festi qed infakkru ukoll żewġ avvenimenti kbar għall-parroċċa għażiża tagħna.

L-ewwel wieħed huwa dak tal-125 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali tagħna li kien nhar id-29 ta' Jannar 1893. Dak inhar l-antenati tagħna flimkien ma' Dun Alfons Ħili, Dun Ġużepp Grima u x-xebba Grezzja Grima ħadmu bla heda billi bdew iwettqu l-ħolma li kellhom li saret realtà eżattament 12-il sena wara, propju fid-29 ta' Jannar 1905. Dan meta f'ċerimonja twila u f'temp inċert tant li kienet niżlet il-borra, saret il-konsagrazzjoni tal-knisja mill-Isqof Ġiovanni Mario Camilleri li fuq xewqa tiegħu ġiet iddedikata lill-Qalb Mqaddsa Ta' Ġesù, b'Sant Indrija, fuq xewqa tas-sajjieda, ikun il-Patrun. Mur ġibhom illum, 125 sena wara, jaraw il-knisja tagħna kompluta minn kollox u ma jonqosha xejn. Għalhekk, dejjem u iżjed f'dawn il-festi għandna niftakru f'dawn il-benefatturi li minbarra li kienu jagħtu l-għajnuna tagħhom mingħajr ħlas, uħud minnhom is-sajjieda ntrabtu wkoll li jagħtu sehem mill-qabda tagħhom biex ix-xogħol ikompli miexi il-quddiem. Bħala rikonoxximent tal-ħidma tagħhom, il-kunsill lokali sa mit-twaqqif tiegħu ħadem biex isirilhom monument bħala tifkira dejjiema qrib il-knisja li tant ħabbew. Dan hu magħmul mill-bronż u ġebla tal-qawwi u ġie inawgurat f'Jum il-Fontana tal-1998.

Mafkar ieħor li qed jaħdem fuqu l-kunsill hu dak li jfakkar il-vittmi tal-logħob tan-nar Fontanin li kellna matul dawn l-64 sena. Dawk tas-19 t'Awwissu 1955, tal-5 ta' Settembru 2010 u tal-4 ta' Novembru 2012. B'kollox 9 vittmi Fontanin. Dan ser ikun ukoll tal-bronż u ġebla tal-qawwi u ser isir fuq disinn tas-Sur Joseph Scerri. Dan ser jitqiegħed fuq il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku fejn dan l-aħħar il-kunsill ta l-offerta biex isir il-*porfido*.

Avveniment storiku ieħor li qed infakkru huwa l-25 sena mill-inkurunazzjoni b'kuruna tad-deheb u ħaġar prezzjuż tax-xbieha tal-Qalb Mqaddsa Ta' Ġesù li għandna fil-kwadru Titulari, xogħol tal-pittur magħruf Ġiuseppe Cali. Dak il-jum tat-18 ta' Ġunju 1993, ħafna minna konna preżenti waqt dik iċ-ċerimonja li ma tintesa qatt, meta l-mibki Mons. Isqof Nikol G. Cauchi, r-raba' kappillan tal-Fontana poġġa l-kuruna fuq ras ix-xbieha ta' Kristu fil-preżenza tal-Kardinal Francis Arinze u l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż flimkien ma' folla kbira ta' Fontanin u devoti tal-Qalb Mqaddsa Ta' Ġesù minn kull rokna t'Għawdex.

Bħala kunsill f'dawn il-festi qed nagħmlu żewġ attivitajiet. L-ewwel waħda ser tkun il-Festa Tfal fejn bil-kollaborazzjoni tal-parroċċa ser issir attivita' għat-tfal Fontanin fuq iz-zuntier il-Ħadd, 10 ta' Ġunju. Din is-sena wkoll għat-tieliet darba il-kunsill ser jagħmel *feature* li ser isir lejliet il-Festa Titulari qabel il-ħruq tal-logħob tan-nar tal-art.

Xogħol ieħor li beda jaħdem fuqu l-kunsill dan l-aħħar hu r-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li għandna fil-faċċata tal-knisja parrokkjali tagħna. Dawn iż-żewġ statwi mprezzabli huwa xogħol ta' Ġiovanni Gafà u kienu saru fl-1695 għall-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Ftit aktar minn mitt sena ilu kienu ngħataw lill-parroċċa tagħna, meta saru żewġ pitturi minflokhom. Peress li l-applikazzjoni li kien għamel il-kunsill f'Novembru li għadda minn skema ta' restawr maħruġa mid-dipartiment tal-Eko Għawdex sfortunatament ma ġietx milqugħha, fuq proposta tiegħi, il-kunsill qabel b'mod unanimu li jagħmel dan ir-restawr mill-fondi tagħna. Bħalissa qegħdin fil-proċess li tlabna l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar permezz tal-Perit Edward Scerri, billi ppreżentajna *method statement* kif irid isir dan ir-restawr.

Mhux possibli li nsemmi l-ħidma kollha tal-kunsill. Din tistgħu tarawha fuq il-fuljett maħruġ mill-kunsill fl-okkażjoni tal-Festa. Nagħlaq dan il-messaġġ f'ismi u f'isem il-membri tal-kunsill billi nawgura l-festi t-tajba lil kulħadd u nagħmlu mill-aħjar biex ikollna festa li tassew tixraq lilna l-Fontanin.